MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 47/2011

**Francis sive Frenc Camilleri**

**Vs**

**Carmel Mifsud**

Il-Qorti,

Rat illi r-rikorrenti ppremetta :

1. Illi Francis sive Frenc Camilleri huwa possessur u detentur ta' art maghrufa bhala 'Gox-Xaghra l-Hmara' liema raba' ilha fil-pussess ta' l-istess attur ghal snin twal u dan kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-kawza.

2. Illi l-intimat jew terzi mqabbda minnu, nhar it-Tnejn (2) ta' Gunju elfejn u hdax (2011) abbuzivament, klandestinament u vjolentement: (i) qabad u b'ingenji

dahal f'din l-art surreferita; (ii) ghaffeg l-istess art; (iii) ghamel hsara fil-qsami ta' bejn ir-raba' tal-mittenti u dik ta' certu Leli Muscat maghruf bhala l-'pespus'.

3. Illi minkejja li l-intimat gie nterpellat b'ittra legali datata tmienja (8) ta' Gunju elfejn u hdax (2011) sabiex jisporga l-ispoll kommess minnu, l-istess konvenut baqa' inadempjenti.

4. Illi l-agir tal-intimat jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.

5. Illi sal-gurnata tal-lum l-agir deskritt fit-tieni (2) paragrafu ghadu ma giex sporgat.

6. Illi r-rikorrent jrid illi l-intimat jigi ordnat sabiex jisporga dan l-ispoll.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab lil din il-qorti:

1. Tiddikjara illi l-intimat jew agenti tieghu kkommetta spoll a dannu ta' l-atturi meta huwa vjolentement, klandestinament u abbuzivament: (i) qabad u b'ingenji dahal f'din l-art surreferita; (ii) ghaffeg l-istess art; (iii) ghamel hsara fil-qsami ta' bejn ir-raba' tal-mittenti u dik ta' certu Leli Muscat maghruf bhala l-'pespus'; (iv) iddepozita gebel fl-istess ghalqa tar-rikorrenti[1].

2. Tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju jisporga l-ispoll kommess minnu jew agenti tieghu u jirripristina r-raba' milquta, u li tinsab fil-pussess tar-rikorrenti, ghall-istat li kienet fih qabel.

3. Illi fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dan fi zmien lilu hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti, tawtorizza lir-rikorrent li jaghmel ix-xoghlijiet mehtiega, u dan a spejjez tal-intimat.

[1] Dan l-ahhar ilment gie mizjud b'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2011, li ghalih il-konvenut permezz tar-risposta guramentata cahad il-pretensjoni bil-qawwa kollha.

B’rizerva ta’ kull azzjoni ohra ta’ danni kontra l-intimat. Bl-ispejjez komprizi ta’ l-ittra legali datata tmienja (8) ta’ Gunju elfejn u hdax (2011).

L-intimat huwa mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat li l-intimat eccepixxa li:

1. Illi l-pretensjonijiet ta’ l-attur huma totalment frivoli u vessatorji u l-esponenti umilment jissottometti illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu dawk il-provvedimenti kollha fil-konfront tar-rikorrent hekk kif inhuma previsti mil-ligi;

2. Illi in oltre jirrizulta wkoll illi l-pretensjoni tar-rikorrenti huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt;

3. Illi di fatti l-esponenti dahal biss b’ingenji sabiex ghamel xoghol lil terzi u sahansitra rega’ harat l-ghalqa wara li heles mix-xoghol hekk kif jidher fuq ir-ritratti hawn annessi;

4. Illi in oltre, u dana minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta illi ma jezistux ir-rekwiziti fil-ligi sabiex tissussisti l-kawza ta’ spoll.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li fis-seduta tad-9 ta’ Ottubru, 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel xejn huwa xieraq li wiehed iqis xi aspetti legali tal-azzjoni li l-qorti ghandha quddiemha;

Illi l-azzjoni mressqa mill-atturi hija wahda possessorja li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodici Civili, ghal-liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kawza ta' spoll jehtieg li jigu ppruvati tliet (3) elementi:

1) *Possedisse*
2) *Spoliatum Fuisse*
3) *Infra bimestre deduxisse*

Illi fuq skorta ta' gurisprudenza kostanti jirrizulta li 'materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda ndagni ohra barra dik li tistabilixxi : (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll... .... ... stante li din l-indagni hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna[2]'.

Illi din  l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss.

Illi dwar l-ewwel element, il-pussess li huwa mehtieg li jintwera li, filwaqt li sar l-ghemil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali ta' fatt.  L-attur m'ghandux bzonn li jaghti prova li ghandu dritt ta' proprjeta jew servitu', jew titolu iehor fuq il-haga. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li huwa spoljat ghandu semplici detenzjoni ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun ekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt u mhux wiehed ta' mera tolleranza[3].

Illi dwar it-tieni element li jehtieg li jigi ppruvat fl-actio spolii, huwa li l-atturi effettivament gew spoljati mill-pussess taghhom. Irid jintwera li l-ghemil spoljattiv kien

[2] **Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone**, App. Civili deciza fid- 9 ta' Marzu 1992
[3] **Paul Carbonaro vs Norman Dimech**, Cit Nru 632/98RCP deciza fit-12 ta' Lulju 2001

wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b’mod li jista’ jaghti lok ghal azzjoni ta’ danni kontra min wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-ghemil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur mill-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess. Gie mfisser li l-kliem *vis aut clam* li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni mhux ta’ bil-fors jissarraf f’ghemil ta’ tkissir jew qerda ta’ oggett mizmum mill-attur jew li fih huwa jgarrab xi hsara fizika, ghaliex huwa bizzejjed li l-ghemil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih[4].

Illi dwar it-tielet element, il-ligi tiddisponi li l-azzjoni trid tigi proposta entro t-terminu ta’ xahrejn mill-att spoljattiv. Dan iz-zmien hu meqjus bhala terminu ta’ dekadenza. Dan il-fatt ghandu jigi pruvat mill-attur. Izda meta l-konvenut jeccepixxi li l-kawza saret *fuori termine* allura l-prova li l-kawza saret barra minn zmienha taqa’ fuq l-istess konvenut.

Illi *tornando* ghall-kaz in kwistjoni jirrizulta li l-ilment ta’ l-attur huwa li waqt li l-konvenut kien qieghed jaghmel xi xoghlijiet fi proprjeta’ ta’ terzi kellu jidhol minn fuq xi ghelieqi ta’ terzi bl-ingenji u b’hekk dahal fuq l-ghalqa tieghu minghajr ma gie avzat. B’konsegwenza ta’ dan l-art tghaffget u saret ukoll hsara fil-qsami.

Illi mill-provi rrizulta li l-element tal-pussess gie sodisfatt ampjament. Apparti l-fatt li waqt it-trattazzjoni tal-kaz dan il-fatt ma giex kontestat pero’ kemm fix-xhieda tal-konvenut innifsu kif ukoll f’dik ta’ Pat Attard[5] gie rikonoxxut li r-raba’ inkwistjoni huwa fil-pussess ta’ l-istess attur.

Illi ghar-rigward tar-rekwizit ta’ *spoliatum fuisse* irrizulta wkoll li l-konvenut dahal bl-ingenji kbar. Il-konvenut spjega li Pat Attard kienet kellmet lill-bdiewa u hadet permess minghandhom biex ikun jista’ jghaddi bl-ingenji izda lill-attur ma kinitx kellmitu ghax ma kinitx taf li kellu raba’ fl-inhawi. Il-konvenut ikkonferma li sar jaf wara li parti mir-

[4] **Salvatore Grima et vs Emanuel Mallia**, Cit Nru 441/01JRM deciza fis-27 ta’ Settembru 2002
[5] Li hija t-terz li nkarigat lill-konvenut biex jaghmlilha xogholijiet fil-proprjeta’ taghha.

raba' li ghadda minn fuqha hija ta' l-attur u kkonferma li ghadda bil-crane minn fuqha. Din il-Qorti hija tal-fehma li gie ppruvat li meta l-konvenut ghadda bil-crane ghaffeg l-art u saret hsara fil-qsami izda ma giex ippruvat li ntefghu xi gebel. Infatti tajjeb hawnhekk jinghad li la fl-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 2011 ma kien hemm dan l-ilment u lanqas fl-affidavit prezentat mill-attur fil-bidu tal-kawza. L-attur ipprezenta wkoll pjanta mhejjija mill-Perit Edward Scerri li thejjiet abbazi tal-informazzjoni moghtija mill-istess attur u li tindika fejn kienu l-qsami. Waqt il-proceduri tpoggew xi qsami fuq il-post izda l-attur sostna li riedu jitpoggew aktar.

Kif inhu maghruf biex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit huwa bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew tacitu, ghal min isofri l-ispoll. Hekk kif intqal fis-sentenza **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott**[6] *'Sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit ma hemmx bzonn il-vis atrox, cioe' xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga; liema vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera.* Irrizulta wkoll li dan kollu sar minghajr il-kunsens ta' l-attur. Ghaldaqstant dan ir-rekwizit ukoll gie sodisfatt.

Illi ghar-rigward tar-rekwizit tax-xahrejn dan ukoll gie sodisfatt peress li x-xoghol sar fit-2 ta' Gunju 2011 u l-kawza giet prezentata fl-24 ta' Gunju 2011.

Stabbilit dan irid jinghad ukoll li rrizulta li kien il-konvenut stess li rega' harat l-ghalqa inkwistjoni u ghaldaqstant parti mill-ispoll kommess diga' gie spurgat. Irrizulta wkoll li t-terz offriet kumpens lill-attur minhabba l-akkadut. Huwa evidenti li din il-kawza b'aktar buona volonta' miz-zewg partijiet setghet tigi evitata u ghaldaqstant l-attur se jigi kkundannat ihallas ukoll parti mill-ispejjez.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi din il-qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn dawn jikkontrastaw ma' dak hawn taht

[6] Appell Civili deciz 2 ta' Dicembru, 1955, Vol XXXIX.I.320; **John Mary Schembri et vs Dominic Borg,** Cit Nru: 1327/2003LFS deciza fis-16 ta' Jannar, 2008

deciz, tilqa' t-talbiet attrici limitatament bil-mod kif gej b'dan illi:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll a dannu ta' l-attur meta huwa vjolentement, klandestinament u abbuzivament: (i) qabad u b'ingenji dahal f'din l-art surreferita; (ii) ghaffeg l-istess art; u (iii) ghamel hsara fil-qsami ta' bejn ir-raba' tieghu u dik ta' certu Leli Muscat maghruf bhala l-'pespus'.

2. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) jum jisporga l-ispoll kommess biss ghal dak li jirrigwarda t-tpoggija tal-qsami kif kienu skont il-pjanta mhejjija mill-Perit Scerri stante li parti mill-ispoll diga' gie spurgat.

3. Illi fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan fi zmien lilu hekk prefiss, tawtorizza lill-attur li jpoggi l-qsami f'posthom huwa u jekk jinkorri xi spejjez dan ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut. Ghal dan il-ghan qieghed jigi nominat is-Sur Vincent Ciliberti sabiex it-tpoggija tal-qsami ssir taht sorveljanza tieghu. Spejjez relatati ma' din in-nomina jkunu a karigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez a karigu tal-attur inkwantu ghal kwart (1/4) mill-ispejjez u l-kumplament a karigu tal-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------